MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1712/1997/1

**Frances Zahra**
**vs**
**Joseph Zahra**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni a fol. 1 tal-process datat 25 ta’ Lulju 1997 li bih l-attrici, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ippremettiet:

Illi l-attrici ilha mizzewga mal-konvenut ghal aktar minn sitta u ghoxrin sena u cjoe` mit-30 ta’ Mejju 1971, liema zwieg gie ccelebrat fil-Knisja Parrokjali ta’ Haz-Zebbug kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument “FZ1”;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel jismu Philip li llum ghandu sitta u ghoxrin sena u ghalhekk huwa maggorenni;

Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba, fost affarijiet ohra nkompatibilita` ta' karattru w ingurji gravi minn naha tal-konvenut;

Illi b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Numru 580/97 ddatat 27 ta' Mejju 1997, li kopja legali tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument "FZ2", l-attrici giet awtorizzata li tipprocedi sabiex ssir din il-kawza ta' separazzjoni;

Illi tentattivi prolungati ghal biex tintlahaq separazzjoni bonarja ma tawx frott;
Talbet ghalhekk l-attrici jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba fost affarijiet ohra, inkompatibbilita` ta' karattru u ingurji gravi attribwibbli lill-konvenut u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, kif ukoll ghar-ragunijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tiddikjara u tordna l-qsim, x-xoljiment u t-tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti w taqsam l-istess bejn il-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, *occorendo* b'opera ta' periti nominandi;

4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha dik ir-retta alimentari li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tawtorizza lill-attrici li tghix u tabita ad eskluzjoni tal-konvenut fid-dar 32, St Joseph Street, Haz-Zebbug *ossia* f'kwalunkwe fond iehor li talvolta ikun uzat minnha bhala post t'abitazzjoni jekk kemm il-darba l-attrici fil-mori tal-kawza tibdel r-residenza taghha;

6. Tiddikjara li l-konvenut ddekada minn dawk d-drittijiet tieghu billi tapplika interament jew *in parte*, skond ir-rizultanzi, id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**; jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa l-kaz;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-kuntratt opportun ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fil-hin, lok u data li tiffissa din l-Onorabbli Qorti u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci kemm il-darba il-konvenut ma jidhirx fuq il-kuntratt relattiv;

Bl-ispejjez, kompizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 3 sa 5 tal-process.

Rat ic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti mmarkat Dok. “FZ1” u d-digriet tas-Sekond’Awla numru 580/1997 mmarkat bhala Dok “FZ2”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 9 ta’ Frar 1999; 24 ta’ Marzu 1999 fejn l-attrici giet awtorizzata tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali; tat-28 ta’ Mejju 1999; u tad-29 ta’ Ottubru 1999 fejn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-konvenut ta’ ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 23 tal-process ipprezentata fit-28 ta’ Jannar 2000 fejn il-konvenut eccepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix it-talba ghas-separazzjoni izda ma jammettix li hija dovuta ghat-tortjiet tieghu u ghalhekk ma ghandux ibati spejjez, u jirrespingi t-talbiet l-ohra.

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fejn iddikjara li:

1. Illi filwaqt li ma jikkontestax il-fatti kontenuti fid-dikjarazzjoni attrici dwar iz-zwieg tal-partijiet, ma jaccettax il-fatti allegati kontra l-esponent li jinghad li wasslu ghat-talba ta’ separazzjoni.

2. Illi z-zwieg tfarrak ghaliex l-esponent hass li ma kienx qed jigi stmat minn martu u ghaliex huwa issusspetta hazin fiha.

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 24 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti datati 28 ta’ Jannar 2000 fejn din il-Qorti hatret lill-Assistenta Gudizzjarja, Dr Veronica Galea Debono sabiex tisma l-provi tal-partijiet; 14 ta’ Novembru 2000; 20 ta’ April 2001; u 27 ta’ Settembru 2001.

Rat l-avviz tat-30 ta’ Jannar 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta datati 26 ta’ Frar 2002 u 23 ta’ Mejju 2002;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali (a fol. 43);
Rat l-affidavit ta’ l-attrici ipprezentat fit-2 ta’ Ottubru 2002;

Rat il-verbali tas-seduti datati 12 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavits tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin jum; u tad-9 ta’ Ottubru 2003 fejn Dr. Tanya Sciberras Camilleri nfurmat lill-Qorti li l-provi gew maghluqa u pprezentat prospett ta’ likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti li tinsab a fol. 111 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

**i) PROVI PRODOTTI.**

- **Responsabbilta`.**

Illi l-attrici ressqet ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit a fol. 96 *et seq.* L-attrici xehdet li mill-bidu taz-zwieg il-kontendenti dejjem ghexu gewwa d-dar tal-genituri taghha. Rigward l-inkwiet fir-relazzjoni maritali tal-kontendenti hija sostniet li dan beda` bl-incident meta wara s-sajf tas-sena 1996 kienet diehla lura d-dar u (a fol. 97)

"*…x'hin kont diehla, hargu mid-dar tieghi mara li jiena ma kontx naf u guvni…. Din il-mara qabzet u qaltli illi kienet giet id-dar biex tixtri senter.*"

Illi hi nfurmat lit-tifel b'dak li kien gara u meta l-konvenut irritorna lura d-dar inqala' argument u l-konvenut ha hwejgu u telaq 'l barra mid-dar matrimonjali. L-attrici xehdet li:

"*Minn dakinhar 'l hemm, huwa* [il-konvenut] *kien jidhol id-dar x'hin u meta kien ifettillu u kien ihallili manteniment ta' xi sebghin lira fix-xahar.*"

Illi l-attrici xehdet li meta kien sehh l-incident ta' Ottubru hija kienet hadet in-numra tal-vettura tat-terzi persuni li kienu flimkien mal-konvenut u wara nvestigazzjoni saret taf l-indirizz taghhom. Fil-Milied ta' l-istess sena, cjoe` is-sena 1996, hija marret flimkien ma' binha f'dan l-indirizz u sabet li (a fol. 97):

"*…l-karozza tar-ragel ipparkjata hemmhekk li kienet Escort bajda. Fil-pront, hareg mill-isqaq ir-ragel u l-istess mara illi kienet harget mid-dar tieghi xi xhur qabel u r-ragel rana fil-karozza u ma kellimniex.*"

Illi l-attrici xehdet ukoll li fi Frar tas-sena 1997 kienet saret laqgha quddiem l-Avukat John Laferla sabiex jirrikonciljaw, fejn hija kienet accettat li tirrikoncilja mal-konvenut bil-kundizzjoni li l-konvenut kellu jwaqqaf ir-relazzjoni li kellu mal-mara l-ohra:

"*Ir-ragel ammetta illi kien qed ikollu relazzjoni ma' din il-mara, li jiena kont skoprejt li jisimha Doreen Urry,…*" (a fol. 99).

Illi ezattament wara li ntemmet din il-laqgha l-attrici u binha marru hdejn id-dar tas-Sinjura Urry u lemhu lill-konvenut bil-vettura tieghu, u inqala' argument ghaliex huwa kien weghdha li kellu jwaqqaf ir-relazzjoni ma' din il-mara.

Illi l-attrici sostniet li minn Frar tas-sena 1997 ir-ragel ma regax mar lura d-dar (a fol. 99).

**Philip Zahra**, iben il-kontendenti xehed (a fol. 43 tal-process) quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, dwar l-incident ta' Ottubru 1996 fejn missieru, l-konvenut, kien gabar hwejjgu u telaq mid-dar wara li kien hemm disputa bejnu u bejn missieru dwar mara u terza persuna ohra li kienu dahlu fid-dar matrimonjali. Il-konvenut kien sostna li l-mara u l-guvni li kienu mieghu kienu qed jixtru senter minghandu. Philp Zahra xehed li missieru ma qalilhomx min kienet dik il-mara. Huma saru jafu peress li hadu n-numru tal-vettura taghha u saru jafu li kien kunjoma Urry u li kienet toqghod Triq l-Irlandizi, Bormla.

Illi x-xhud xehed ukoll illi fil-jum tal-Milied huma marru hdejn id-dar tas-Sinjura Urry u raw lill-konvenut hiereg maghha mid-dar. Dan gie kkonfermat minn mart Philip Zahra, Josette, li kienet ukoll prezenti (a fol. 45 tal-process). Josette Zahra xehdet ukoll dwar it-tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Madanakollu kemm Philip Zahra u kif ukoll Josette Zahra xehedu li wara t-tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, fejn l-istess kontendenti kienu ltaqghu fil-presenza ta' l-Avukat John Laferla, huma kienu nizlu Bormla fit-triq l-Irlandizi, li kienet it-triq fejn kienet tirissjedi is-Sinjura Urry. Wara xi ftit minuti huma raw lill-konvenut sejjer lejn id-dar ta' din l-mara (a fol. 46 tal-process):

"*Ommi wara xtaqet tmur fl-indirizz gewwa l-Bormla sabiex tara jekk missieri kienx hemm jew le. Ghalhekk jiena*

*wassaltha s'hemm u lanqas lahhqu ghaddew ghaxar (10) minuti meta rajna lil missieri jigbed bil-karozza tieghu quddiem din id-dar fi Triq l-Irlandizi u pparkja vicin taghha. Meta hareg mill-karozza jiena waqqaftu u staqsejtu x'raga gabu lura f'dan l-indirizz. Dan ma stahax jirrispondi illi kien gie hemm sabiex jigbor il-hwejjeg tieghu minghand din il-mara.*"

Illi Philip Zahra xehed ukoll dwar id-diversi drabi li l-konvenut talab mahfra minghand l-attrici u kif ukoll minghandu (a fol. 46).

A fol. 47 tal-process Philip Zahra xehed li:

"*Jiena gieli ltqajt ma' missieri b'kumbinazzjoni f'diversi okkazzjonijiet … Missieri dejjem narah akkumpanjat minn l-istess mara li semmejt fix-xhieda precedenti tieghi. Kien hemm ukoll zewg okkazjonijiet ohra fejn rajt lil missieri akkumpanjat minn mara ohra."*

Gie pprezentat ukoll ritratt minn Philip Zahra mmarkat Dok."PZ" li fih hemm il-konvenut flimkien ma' mara ohra.

Xehed ukoll P.C. 819 dwar arma tan-nar registrata f'isem il-konvenut.

- **<u>Komunjoni ta' l-Akkwisti.</u>**

- **Beneficcji** - Saviour Mallia, rapprezentant tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed li l-attrici kienet tircievi *allowance* ta' lira u hmistax-il centezmu (Lm1.15) fil-gimgha u dan ilha tippercipih mill-24 ta' Jannar 1998. *Inoltre* hija kienet qed tircievi sitt liri u sebghin centezmu (Lm6.70) ghajnuna medika u kienet ilha tippercipih mill-10 ta' Mejju 1997.

Saviour Mallia xehed li l-konvenut ukoll kien qed jircievi l-istess beneficcji ta' l-attrici fl-istess ammont u dan kien ilu jippercipihom mill-25 ta' Dicembru 1999.

**Karmenu Azzopardi** rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali xehed fil-konfront ta' l-attrici li kienet ilha

mill-1 ta’ Frar 1997 tippercepixxi tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm30.30) ghajnuna socjali, lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1.34) bonus fil-gimgha u f’Gunju u Dicembru kienet tiehu somma ta’ tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58). Madanakollu hija kienet qed tircievi dawn il-*full rates* sa mill-4 ta’ April 1998.

Adrian Attard bhala rapprezentant tax-*“Short Term Benefits Section*” u “*Contributory Pensions Section*” xehed li l-attrici ma kenetx qed tiehu beneficcji filwaqt li l-konvenut kien qieghed jiehu tlett liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3.89) kuljum sa mit-28 ta’ Frar 2002.

F’seduta sussegwenti l-istess xhud xehed li l-konvenut kien qed jippercepixxi pensjoni ta’ invalidita` bir-rata ta’ sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm37.34) fil-gimgha u lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1.34) fl-gimgha, kif ukoll mija u sittax-il lira Maltin (Lm116) fil-gimgha.

- **Kontijiet Bankarji** – Mix-xhieda prodotta mill-attrici deher li l-konvenut kellu kont fl-HSBC Bank Ltd fl-ammont ta’ erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450) li nfetah fit-23 ta’ Novembru 1996 u ntemm fil-25 ta’ Frar 1997. *Inoltre* kellu kont iehor li nfetah fl-1 ta’ April 1997 u nghalaq fl-4 ta’ Novembru 1997. L-ammont ta’ dan il-kont kien erbgha u tletin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm34.49). Kont bankarju iehor f’isem il-konvenut kien infetah qabel Dicembru tas-sena 1995 u nghalaq bil-bilanc ta’ sebgha u sittin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm67.46) fit-2 ta’ Gunju 1997.

L-attrici xehdet li ma ghandiex kontijiet bankarji f’isimha (a fol. 100 tal-process).

- **Assi** – L-attrici xehdet a fol. 54 tal-process li l-ghamara li tinsab gewwa l-fond li fih tirrisjedi ghandha valur ta’ inqas minn elf lira Maltija (Lm1,000).

A fol. 100 tal-process l-attrici xehdet li meta r-ragel kien telaq mid-dar huwa kien ha mieghu diversi oggetti konsistenti f’zewg snieter ta’ valur ta’ sitt mitt lira Maltija

(Lm600), oggetti tad-deheb tal-valur ta’ elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200), ghodda u hamsin tajra bbalzmata tal-valur ta’ bejn ghaxra u tletin lira Maltija (Lm10 u Lm30) il-wahda. *Inoltre* hija kkonfermat li zewgha kien hallasha tlett mitt lira Maltija (Lm300) ghall-vettura tat-tip Ford Escort.

- **Debiti** – Mix-xhieda prodotta jidher li l-kontendenti m’ghandom ebda djun fuq id-dar matrimonjali *in vista* tal-fatt li din tappartjeni lill-genituri ta’ l-attrici.

L-attrici xehdet li kellha thallas sengha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm27 u Lm58) ghall-kontijiet pendenti ta’ dawl u ilma izda naqset milli tipproduci l-ircevuti relattivi sabiex tikkorrobora l-allegazzjoni taghha.

- **<u>Provi tal-Konvenut.</u>**

Il-konvenut innega kategorikament dak kollu li xehdet kemm l-attrici u kif ukoll xhieda prodotti minnha. Hu xehed (a fol. 55 tal-process) quddiem l-Assistenta Gudizzjarja li l-inkwiet fir-relazzjoni ma’ martu kien nibtet mill-fatt li martu kienet qed tmur ghand ragel jismu Wigi Galdes.

Huwa nnega li l-inkwiet beda` bl-incident meta huwa kien gab xi nies sabiex jakkwistaw is-senter tieghu. *Inoltre* huwa nnega li qatt pprova jirranga mal-mara u li kien hemm laqgha quddiem l-Avukat Jiohn Laferla.

Fir-rigward tas-Sinjura Doreen Urry il-konvenut xehed:

“*Jiena ma nafx min hi Doreen Urry. Jiena qatt ma kont noqghod fi Triq l-Irlandizi gewwa Bormla. Jiena qatt ma mort nghix ma’ certa Doreen Urry*”.

B’referenza ghall-incident fejn l-attrici u iben il-kontendenti raw lill-konvenut hiereg mid-dar tas-sinjura Urry, il-konvenut xehed (a fol. 57):

“*Meta l-mara w t-tifel gew u sabuni fi Triq l-Irlandizi, Bormla, jiena kont qed inkellem habib illum mejjet li jismu Anton Urry. Doreen tigi omm Tony Urry.”*

Sussegwentement huwa sostna li kien jafha bhala omm Tony Urry.

- **Komunjoni ta' l-akkwisti**:

Il-konvenut xehed a fol. 55 li hu ma kellux flus il-bank u lanqas ma ghandu proprjeta`.

Huwa sostna li gewwa d-dar matrimonjali kien hemm mobbli li gew akkwistati waqt iz-zwieg u ghalhekk huwa kellu sehem minnhom.

*Inoltre* ammetta li biegh *chaser* u allega li flusu kien taghhom lit-tifel.

Rigward il-vettura tat-tip Ford Escort huwa sostna li martu hadet sehemha fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) filwaqt li huwa ha mitt lira Maltija (Lm150).

**ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Mill-kumpless tal-provi prodotti l-Qorti tinnota li hija sabet ruhha rinnfaccjata b'verzjonijiet kontrastanti. Madankollu ix-xhieda ta' l-attrici hija kkorroborata bix-xhieda ta' binha Philip Zahra u kif ukoll ta' Josette Zahra, mart Philip. *Inoltre* l-Qorti ma tistax ma tinnotax li fix-xhieda minima moghtija mill-konvenut huwa ikkontradixxa lilu nnifsu fuq il-kwistjoni tas-sinjura Doreen Urry fejn fil-bidu sostna (a fol. 56 tal-process) li huwa ma kienx jaf min kienet u sussegwentment (a fol. 57) ikkontraddixxa ruhu billi sostna li kien jafha. Tali agir ma jistax ma jnaqqasx il-kredibbilita` tal-verzjoni tal-konvenut.

Il-Qorti tirrimarka li fit-talbiet ta' l-attrici ma hemmx talba specifika sabiex il-Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju minn naha tal-konvenut.

Il-Qorti tinnota pero` li ghalkemm ma hemm ebda prova li tindika inekwivokabbilment li l-konvenut kellu relazzjoni mas-sinjura Urry, liema fatt huwa nnega, fil-fehma tal-

Qorti hemm fatti cirkostanzjali bizzejjed indikattivi ta' dan. L-ewwel nett kemm l-attrici kif ukoll binha xehdu li huma raw lill-konvenut hiereg mid-dar tas-Sinjura Urry fiz-zewg istanzi meta marru jinvestigaw jekk huwa kienx hemm. *Inoltre* Philip Zahra xehed li fit-tieni okkazzjoni fejn raw lill-konvenut sejjer ghand is-Sinjura Urry wara li kienet saret laqgha ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, missieru kien stqarr mieghu (a fol. 46) li:

"*Meta hareg mill-karrozza jiena waqqaftu u staqsejtu x'raga gabu lura f'dan l-indirizz.* ***Dan ma stahax jirrispondi illi kien gie hemm sabiex jigbor il-hwejjeg tieghu minghand din il-mara****.*"

*Inoltre* prova cara ohra hija r-ritratt li ttiehed minn Philip Zahra a fol. 75 tal-process fejn il-konvenut jidher li qieghed fil-presenza ta' mara ohra.

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti presjeduta minnha stess fejn inghad illi *in vista* tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzi u cirkostanzi ohra li ma jhallu ebda dubju fil-gudikant. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (Cit Nru:1365/1997/RCP Deciza fl-1 ta' Ottubru 2002) fejn din il-Qorti presjeduta mill-istess Imhallef irriteniet illi:

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". **"Rosina Micallef vs Angelo Micallef "** Prim'Awla Deciza 27 ta' Gunju 1964.*

Fil-fehma tal-Qorti l-provi attrici taw indizi bizzejjed indikattivi li l-konvenut kellu relazzjoni mas-Sinjura Urry u dan jikkwalifika ukoll bhala ingurji gravi, eccessi u mohqrija, u dan apparti dak li se jinghad 'il quddiem fuq l-ilmenti ta' l-attrici, *stante* li l-ilment ta' adulterju ma giex inkluz fic-citazzjoni.
Il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm l-abbandun minn naha tal-konvenut *ai termini* ta' l-artikolu **41 tal-Kap tal-ligijiet ta' Malta** mhux inkluz fit-talbiet attrici minhabba l-fatt li c-cirkostanzi li jimmilitaw dan l-aggravju sehhew wara li giet pprezentata ic-citazzjoni, tali aggravju sehh ukoll. Madanakollu *stante* li ma hemm ebda talba f'dan is-sens il-Qorti mhux ser tesplora dan l-aggravju izda tiehdu in konsiderazzjoni ghad-decizjoni taghha.

Bhala ragunijiet ghall-obbjettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha inkompatiblita` ta' karattru u ingurji gravi.

Issir referenza ghall-**artikolu 40 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta** li jghid is-segwenti:

"*Kull wahda mill-persuni mizzewgin tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremidjabbilment.*"

Il-Qorti tinnota li l-perijodu ta' erba' snin rikjest mill-ligi jissussti *stante* li l-partijiet izzewgu fis-sena 1971. *Inoltre* c-cirkostanzi fattwali kif esposti fix-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti, senjatament il-fatt li l-kontendenti ilhom ma joqghodu fl-istess residenza ghal diversi snin u li l-konvenut kien qieghed jirrisjedi ma' terza persuna, ma jistghux ma jwasslux ghall-konkuzjoni ta' din il-Qorti li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irremidjabbilment u dan apparti li l-ewwel talba attrici ghandha tigi wkoll milqugha kif propost.

Rigward il-qasma tal-beni parafernali il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda prodotta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja kif ukoll ghall-prospett ta' likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni prezentat mill-attrici fejn sostniet li tkun kuntenta jekk zewgha izomm l-affarijiet li kien approprija ruhu minnhom meta telaq mid-dar matrimonjali filwaqt li hija zzomm l-oggetti mobbli. Apparti l-fatt li l-konvenut ma opponix ghal din il-qasma proposta, il-Qorti tikkunsidra l-fatt li l-oggetti mehuda mill-konvenut bhal l-ghodda, snieter, tajr, u deheb ta' l-irgiel ma tantx kienu ta' utilita` ghall-attrici u galadarba l-attrici espremiet li hi m'ghandha ebda interess fihom, il-Qorti tordna li l-qasma tal-komunjoni issir kif tidher fil-prospett ta' l-attrici. Dan inghad *in vista* tan-nuqqas ta' oppozizzjoni tal-konvenut. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dar matrimonjali u l-mobbli ta' gewwa fiha, din il-Qorti tinnota li d-dar hija proprjeta` tal-genitur ta' l-attrici u li galadarba l-konvenut ghazel unilateralment li jitlaq mid-dar matrimonjali minn zmien twil ilu u li l-mobbli kienu qed jigu utilizzati mill-attrici, il-Qorti tordna li dawn jigu assenjati lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, bid-dritt li tibqa' tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Rigward manteniment il-Qorti taccenna ghall-fatt li mix-xhieda pprezentata deher l-kontendenti it-tnejn ma jahdmux u t-tnejn jiddependu minn-beneficcji moghtija mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Ghalhekk l-ebda manteniment ma jista' jinghata.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti **taqta` u tiddeciedi** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, konsistenti f'eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut minhabba liema, iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u tippronunzja s-separazzjoni anke minhabba inkompatibilita` ta' karattru.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna, x-xoljiment u t-tmiem tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet b’effett minn Ottubru 1996.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna l-qsim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’dan li l-attrici ghandha tigi assenjata l-oggetti mobbli kollha indikati fil-prospett ipprezentat minnha, li jinsabu fil-fond 32, St. Joseph Street, Zebbug u filwaqt li l-konvenut qed jigi assenjat il-mobbli kollha li huwa ha mieghu mid-dar konjugali, u l-mobbli kollha li llum jinsabu fil-pussess tieghu.

4. Tichad ir-raba’ talba fis-sens li ma jistax jigi likwidat manteniment favur l-attrici *stante* li l-konvenut huwa pensjonant u allura m’ghandhux mezzi biex imantni lill-attrici, ghalkemm id-dritt ta’ manteniment ta’ l-attrici kontra l-konvenut jibqa` veljanti.

5. Tilqa’ l-hames talba u tawtorizza lill-attrici tabita u tirrisjedi ad eskluzjoni tal-konvenut fid-dar 32, St Joseph Street, Zebbug, b’dan li jigi dikjarat li l-konvenut m’ghandu ebda dritt fuq l-istess fond immobbli.

6. Tilqa’ s-sitt talba parzjalment u tordna b’dan li qed jigu applikati fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** *in toto.*

7. Tichad is-seba’ talba *stante* li hija superfluwa.

L-ispejjez ta’ din l-istanza jthallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------